

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/590

tat-12 ta' Jannar 2023

li jikkoreġi l-verżjoni bil-lingwa Latviana tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035 li jiġi supplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-regoli għall-istabbilimenti li jżommu l-annimali terrestri u l-imfaqas, u t-tracċċabbiltà ta' ċerti annimali terrestri miżmuma u tal-bajd għat-tifqis

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") (¹), u b'mod partikolari l-Artikoli 3(5), 87(3), 94(3), 97(2), 101(3), 106(1), 118(1) u (2), 119(1) u 122(2), l-Artikoli 271(2) u 279(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-verżjoni bil-lingwa Latviana tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035 (²) fiha żbalji fit-titolu tiegħu u fil-premessu (1) fir-rigward tar-regoli għall-istabbilimenti li jżommu l-annimali terrestri u l-imfaqas, fil-premessu (2) fir-rigward tal-approvażżjoni tal-imfaqas, fil-premessu (11) fir-rigward tal-imfaqas tal-għasafar miżmuma fil-magħluq u l-imfaqas tat-tjur. Dak ir-Regolament fih ukoll diversi żbalji, li jaffettaw il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li ġejjin: fl-Artikolu 1(3) fir-rigward tal-imfaqas tal-għasafar miżmuma fil-magħluq; fl-Artikolu 1(3), it-tieni subparagrafu, il-punt (b) fir-rigward tal-bajd għat-tifqis mill-imfaqas; fl-Artikolu 1(6)(b) fir-rigward tal-obbligli ta' informazzjoni tal-awtorità kompetenti rigward ir-reġistri tagħha tal-imfaqas; fl-Artikolu 1(9) fir-rigward tal-imfaqas irreggistrati jew approvati; fil-Parti II, it-Titolu I, it-titolu tal-Kapitolu 2 fir-rigward tal-imfaqas; fl-Artikolu 7, it-titolu u l-frażi introduttora fir-rigward tar-rekwiżi għall-għoti ta' approvażżjoni lill-imfaqas li minn-hom il-bajd għat-tifqis tat-tjur jew il-flejes ta' ġurnata jkunu se jinġarru lejn Stat Membru ieħor; fl-Artikolu 18, it-titolu u l-frażi introduttora fir-rigward tar-reġistri ta' stabbilimenti tal-annimali terrestri miżmuma u tal-imfaqas; fil-Parti II, it-Titolu III, it-titolu tal-Kapitolu 2 fir-rigward tal-imfaqas; fl-Artikolu 33, it-titolu, il-frażi introduttora u l-punt (a) fir-rigward tal-obbligli taż-żammu tar-rekords mill-operaturi tal-imfaqas; fl-Anness I, il-Parti 3, it-titolu fir-rigward tar-rekwiżi għall-għoti ta' approvażżjoni lill-imfaqas; fl-Anness I, il-Parti 3, il-punt 1, il-frażi introduttora u l-punti (a) u (b) fir-rigward tar-rekwiżi b'rabta mal-miżuri ta' bijosigurtà tal-imfaqas; fl-Anness I, il-Parti 3, il-punt 2, il-frażi introduttora u l-punt (b) fir-rigward tar-rekwiżi b'rabta mal-miżuri ta' sorveljanza tal-imfaqas; fl-Anness I, il-Parti 3, il-punt 3, il-frażi introduttora u l-punti (a), (c) u (f) fir-rigward tar-rekwiżi b'rabta mal-faċilitajiet u t-tagħmir tal-imfaqas; fl-Anness I, il-Parti 3, il-punt 5, il-frażi introduttora u l-punt (a)(i) fir-rigward tar-rekwiżi b'rabta mas-superviżjoni mill-awtorità kompetenti tal-imfaqas; fl-Anness I, il-Parti 4, il-punt 1(a)(ii) fir-rigward tar-rekwiżi b'rabta mal-miżuri ta' bijosigurtà tal-istabbilimenti li jżommu t-tjur; fl-Anness I, fil-Parti 4, il-punt 2(b) fir-rigward tar-rekwiżi b'rabta mas-sorveljanza tal-istabbilimenti li jżommu t-tjur; fl-Anness I, il-Parti 4, il-punt 3(b)(iii) u l-punt 3(e) fir-rigward tar-rekwiżi b'rabta mal-faċilitajiet u t-tagħmir ta' stabbilimenti li jżommu t-tjur; fl-Anness II, it-titolu fir-rigward tal-programm ta' kontroll mikrobijoloġiku fl-imfaqas u l-programmi ta' sorveljanza tal-mard fi stabbilimenti li jżommu t-tjur u fl-imfaqas; fl-Anness II, il-Parti 1, it-titolu fir-rigward tal-programm ta' kontroll mikrobijoloġiku fl-imfaqas; fl-Anness II, il-Parti 2, it-titolu fir-rigward tal-programmi ta' sorveljanza tal-mard fl-imfaqas u fi stabbilimenti li jżommu t-tjur; fl-Anness II, il-Parti 2, il-punt 2.4(b), il-frażi introduttora u l-punt (iv) fir-rigward tar-rekwiżi b'rabta mal-matriċi tal-kampjunar; fl-Anness II, il-Parti 2, il-punt 2.5(b), l-ewwel sentenza u l-punti i) u ii) fir-rigward tar-rekwiżi fir-rigward tal-qafas tal-kampjunar u l-frekwenza tal-kampjunar.
- (2) Għalhekk, jenħtieġ li l-verżjoni bil-lingwa Latviana tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035 tiġi kkoreġuta skont dan. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra mhumiex affettwati,

(¹) ĠUL 84, 31.3.2016, p. 1.

(²) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035 tat-28 ta' Ġunju 2019 li jiġi supplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-regoli għall-istabbilimenti li jżommu l-annimali terrestri u l-imfaqas, u t-tracċċabbiltà ta' ċerti annimali terrestri miżmuma u tal-bajd għat-tifqis (ĠUL 314, 5.12.2019, p. 115).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

*(Ma japplikax għal-lingwa Maltija.)*

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Jannar 2023.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

---